**4 ta' Novembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Guido J. Vella A. & C.E.

*versus*

Dr Emanuel Cefai LL.D.

## Ċitazzjoni – Difett fil-Forma – Nullità

*Meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 156(1)(a), għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.*

*F'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi: in-nullità ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

*Kull fejn hemm nuqqasijiet proċedurali li m'humiex ta' natura radikali u serja l-Qorti għandha setgħa skond l-artikolu 173 Kapitolu 12 li, in camera, tagħti ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa biex tassikura li dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura jiġi mħares kif imiss.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fis-27 ta' Ottubru 1989 il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, Qorti Ċivili b'kompetenza Superjuri ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti: Rat iċ-ċitazzjoni fejn l-attur wara li ippremetta illi huwa ġie inkarigat bħala perit mill-konvenut sabiex jagħmel xogħol professjonali in konnessjoni ma' bini ta' proprjetà ta' l-istess konvenut sewwa f'Malta u kemm ukoll f'Għawdex; u illi l-attur esegwixxa l-inkarigu lilu mogħti mill-konvenut u ċjoè billi għamel il-pjanti kollha meħtieġa għall-bini kollu jew proġettat mitlub mill-konvenut u anke għamel is-superviżjoni kollha meħtieġa fuq ix-xogħlijiet kollha li saru fuq l-istess bini; u illi l-attur bagħat il-kontijiet għax-xogħol kollu professjonali li jammonta għal ħamest elef u ħames mija u seba' liri Maltin u l-konvenut baqa' inadempjenti; u illi l-konvenut wara li ġie interpellat mill-attur b'ittra uffiċjali datata 30 ta' Settembru 1988, baqa' ma ħallasx;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef ħames mija u seba' liri Maltin jew ammont ieħor verjuri kif stabbilit bil-liġi, għad-drittijiet professjonali fuq ix-xogħol kollu li għamel l-istess attur bl-imgħax kummerċjali fuq l-istess ammont mitlub. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru, 1988 u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr Emanuel G. Cefai fejn eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni odjerna hija monka u nulla stante illi m'hix akkumpanjata bid-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba, a tenur tal-artikolu 156(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli;

2. Illi preliminarjament ukoll, iċ-ċitazzjoni odjerna hija monka u nulla għaliex ma fihiex tifsir ċar u sewwa tal-oġġetti u r-raġuni tat-talba, a tenur tal-artikolu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Semgħet lill-kontendenti bil-ġurament;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 1989, fejn, wara li *semgħet it-trattazzjoni* dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut, iddifferiet il-kawża għas-sentenza fuq l-istess żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti u ikkunsidrat illi:

Bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu l-konvenut qed jeċċepixxi n-nullità taċ-ċitazzjoni fl-ewwel lok għaliex l-att ta' ċitazzjoni ma ġiex akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba u fit-tieni lok għaliex iċ-ċitazzjoni ma fihiex tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Dawn l-eċċezzjonijiet huma bbażati fuq dak li jiddisponi l-artikolu 156(1) (a) u (2) tal-Kapitolu 12 fejn huwa pprovdut illi:- ''Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha

(a) tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba..... (2) flimkien maċ-ċitazzjoni għandhom jinġiebu d-dokumenti biex isaħħu t-talba.'' Nuqqas ta' ottemperanza ma' l-imsemmija rekwiżiti dettati mill-artikolu 156(1) (a) u (2) tal-Kapitolu 12 għalhekk jirrigwarda vjolazzjoni tal-forma preskritta mill-liġi u skond l-artikolu 789(c) dan jagħti lok għall-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni (f'dan il-każ) iżda din l-eċċezzjoni tista' tiġi milqugħa biss ''kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;''

Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni li tallega n-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas ta' dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba jrid qabel xejn jiġi determinat liema huma d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba;

Evidentement kwalunkwe talba bażata fuq obbligazzjoni naxxenti minn skrittura jew kuntratt bejn il-kontendenti tirrikjedi l-akkompanjament ta' l-istess skrittura jew kuntratt maċ-ċitazzjoni u billi fil-każ in eżami ma ġiex allegat minn ebda parti li l-inkarigu mogħti mill-konvenut kif allegat mill-attur ġie mogħti b'xi mod ieħor *oltre* minn dak verbali jew li l-esekuzzjoni tax-xogħol li l-attur jallega li għamel kien jirrisolvi ruħu f'xi dokument ma jirriżultax li t-talba attriċi tirrikjedi xi dokument biex tiġi msaħħa jew stabbilita;

Infatti l-istess konvenut fid-disposizzjoni tiegħu ma jiċħadx li kien effettivament inkariga lill-attur bħala perit arkitett fuq il-proġetti li minn żmien għal żmien indaħal għalihom, u billi l-anqas ma jallega li xi inkarigu ġie mogħti bil-miktub ma huwiex rikjest dokument biex isaħħaħ l-allegazzjoni attriċi li l-attur ġie inkarigat mill-konvenut biex jirrendilu servizzi professjonali;

Fl-istess deposizzjoni tiegħu tad-9 ta' Mejju 1989 l-istess konvenut ma jallegax li xi esekuzzjoni ta' inkarigu kellha tirriżulta biss f'xi oġġett li seta' jiġi eżebit maċ-ċitazzjoni bħala dokument. Evidentement eżekuzzjoni ta' inkarigu konsistenti f'bini tal-ġebel ma tistax tiġi pprovata bl-eżebizzjoni tal-kostruzzjoni maċ-ċitazzjoni bħala dokument u l-uniċi dokumenti li l-attur seta' jeżebixxi biex isaħħaħ it-talba tiegħu huma dawk il-pjanti jew stimi li seta' għamel fuq inkarigu tal-konvenut li għar-redazzjoni tagħhom huwa qiegħed jitlob kumpens formanti parti mill-ammont totali miltub ta' Lm5,507;

Iżda l-konvenut mid-deposizzjoni tiegħu tad-9 ta' Mejju 1989 l-anqas ma huwa qed jikkontesta li l-attur seta' ma esegwiex xi nkarigu lilu mogħti; anzi jallega li fil-maġġorparti tagħhom l-inkarigi li huwa, l-konvenut, kien jagħti lill-attur, ma kienux jiġu mogħtija flimkien imma wieħed wieħed wara li jkun ġie eżegwit l-inkarigu preċedenti mill-attur;

Għaldaqstant ma jirriżultax li kien essenzjali xi dokument biex isaħħaħ it-talba attriċi. Infatti d-dokumenti li dwarhom il-konvenut qed jilmenta n-nuqqas huma kontijiet separati relativi għal kull inkarigu mogħti lill-attur, *ossia* prospett dettaljat dwar kif l-attur wasal għall-ammont mitlub ta' Lm5,507 li qed jitlob mingħand il-konvenut;

Dan l-istess prospett jew kontijiet separati ma jistgħu qatt jiġu kkunsidrati bħala dokumenti essenzjali biex isaħħu t-talbiet attriċi għaliex bihom l-allegazzjonijiet attriċi ma jistgħux jiġu kkunsidrati iktar assodati billi jibqgħu biss prova ex *parte* u jistgħu jiġu evidentement skartati mill-attur a favur ta' deposizzjoni ġuramentata dettaljata dwar l-inkarigi, id-dati u kumpens relativ dovut;

In-nuqqas tal-imsemmi prospett jew kontijiet separati għalhekk ma jista' qatt, fil-każ odjern, iwassal għall-kontravvenzjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 156(2) tal-Kapitolu 12 u għalhekk tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Iżda n-nuqqas ta' dan il-prospett jew kontijiet separati jista' jinfluwixxi sew fuq it-tifsir ċar u sewwa, *o meno,* ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Infatti la fil-premessi taċ-ċitazzjoni u l-anqas fid-dikjarazzjoni, hemm annessa, ma nsibu spjegazzjoni dwar kif l-attur wasal għas-somma ta' Lm5,507; l-attur la jindika n-natura tas-servizzi reżi, la d-dati relativi u l-anqas l-ammonti dovuti relativi għal kull inkarigu separatament. Għalhekk jidher li kif ifformulata ċ-ċitazzjoni din hija in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 156(1)(a) billi ma fihiex tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullità ta' l-att li ma hux in ottemperanza ta' l-artikolu 156(1)(a) u allura huwa applikabbli l-artikolu 789(ċ) tal-Kapitolu 12 li jipprovdi li "jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi ..... kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat", tkun tista' b'suċċess tingħata l-eċċezzjoni tan-nullità;

Għalhekk għalkemm kif ingħad teżisti vjolazzjoni tal-forma, irid iżda jiġi indagat jekk din il-vjolazzjoni tkunx ġiebet lill-konvenut preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

Apparti l-fatt li huwa opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, billi f'dan il-każ in-nuqqas ta' tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba jammonta biss għal nuqqas ta' l-attur li jforni dettalji dwar it-talba tiegħu li tinsab sew imfissra b'mod ġenerali, il-vjolazzjoni tal-forma hija venjali u billi wkoll l-istess nuqqas ma jġib ebda preġudizzju lill-konvenut li ma jistax jissewwa mod ieħor ħlief bin-nullità, *stante* li miċ-ċitazzjoni biss seta' jkun jaf sew dak li kien qed jitlob l-attur u x'kienet ir-raġuni tat-talba tiegħu, l-istess nuqqas ma jwassalx għal nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Għandu jiġi rilevat illi l-istess konvenut la fid-deposizzjoni tiegħu u l-anqas fin-nota ta' l-osservazzjonijet ma jindika x'inhu l-preġudizzju li jista' jsofri bl-assenza tad-dettalji dwar it-talba attriċi;

Evidentement, biex isostni t-talba tiegħu, l-attur irid jippreżenta l-prospett u kontijiet bħala parti mill-provi tiegħu u l-konvenut, meta jasal biex jipproduċi l-provi tiegħu, ikollu ampja opportunità li jirreġistra l-opposizzjonijiet tiegħu fejn ma jaqbilx ma' partijiet tal-pretenzjoni attriċi;

*Del resto* huwa wkoll sinjifikanti li n-nuqqas ta' l-attur jiġi faċilment rimedjat mal-preżentata tad-dokumenti msemmija, li n-nuqqas tagħhom, anke fl-istadju tal-provi jippreġudika biss il-każ tiegħu;

Għaldaqstant billi att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi, tirrespinġi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali;"

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u l-aggravji tiegħu huma ripetizzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet – studjata u nutrita b'riferenzi ġurisprudenzjali – li ippreżenta fid-19 ta' Mejju 1989 biex juri illi ċ-ċitazzjoni tal-attur, inkwantu m'għandhiex tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba (artikolu 156(1)(a)) u magħha ma nġibux id-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba, hija nulla, l-istess appellant jillamenta illi fis-sentenza appellata għalkemm l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu ġew miċħuda, dan sar kontra dak li stabbiliet il-ġurisprudenza, kif kwotata minnu;

In-nullità li qed jipprospetta l-konvenut, billi m'hix waħda li hija dikjarata espressament mil-liġi – artikolu 789(1)(a) Kapitolu 12, – trid tkun waħda li hija neċessarja għaliex ħolqitlu preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat – artikolu 789(1)(ċ) Kapitolu 12 – jew għaliex l-att nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament – artikolu 789(1)(d). Dan juri illi n-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċeudrali;

Issa l-appellant jillamenta illi d-duttrina u l-ġurisprudenza minnu esposti ġew injorati jew ma ġewx kontrobattuti bl-indikazzjoni ta' xi ġurisprudenza kuntrarja għat-teżijiet tiegħu;

L-interpretazzjoni ta' l-artikolu 156 trid tieħu in konsiderazzjoni t-tibdiliet li sarulu mill-1854 'l hawn. Il-forma oriġinali tiegħu kienet din:

*"La citazione dovrà essere, seconda la formula, preparata dal citante, e vi esprimerà con chiarezza e certezza la domanda." (Articolo 175, Ordinanza IV tal-1854);* u minn din l-esposizzjoni sempliċi spiċċat fl-artikolu preżenti, li jestendi ruħu f'sitt subartikoli, uħud minnhom maqsuma f'subinċiżi; barra minn artikolu ieħor li jrid jiġi neċessarjament abbinat u li huwa enumerat 156A;

Dan kollu sar għaliex inkwantu ċ-ċitazzjoni kienet il-forma ta' proċedura l-aktar informali, paragunata mal-libell u l-petizzjoni, u l-inqas solenni; u allura suppost kellha tkun il-forma li tista' talleġġerixxi t-trattazzjoni tal-kawżi, tħaffef il-proċeduri u konsegwentement tnaqqas it-tendenza, li bdiet tidher, ta' dewmien tas-soluzzjonijiet ġudizzjarji u addizzjonijiet annwali fin-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-qrati;

Ir-riżultat kien illi filwaqt li n-normi tal-forom l-oħra tal-proċediment tħallew fil-fażi inizjali, l-attenzjoni leġislattiva iffokat fuq iċ-ċitazzjoni biex mis-sempliċità inizjali kwotata, wasalna fl-artikolazzjoni varjata tal-liġi kif tinstab;

L-emendi li saru maż-żmien biddlu mhux biss l-artikolu imma biddlu wkoll il-ħsibijiet ġurisprudenzjali *in materia* kif osservat is-sentenza **Demarco vs Fiteni** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ġunju 1957 (XLI.II.1035) kwotata wkoll mill-konvenut fin-Nota tiegħu:

"Liema rekwiżiti (jiġifieri, li ċ-ċitazzjoni jkun fiha ċar u

sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba) huma rikjesti taħt piena ta nullità. Iżda, kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Savona vs Asphar** deċiża fit-23 ta' April 1945, bl-emendi li saru fil-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili bis-saħħa tal-Ordinanza XXI tal-1934 u XXVIII tal-1935, li ntroduċew l-obbligu tad-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda, ma hemmx lok għan-nullità taċ-ċitazzjoni jekk, bħala eżempju, il-kawżali ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, imma tkun spjegata fid-dikjarazzjoni.....;"

Wara dawk l-Ordinanzi però *l-artikolu reġa' ġie emendat*, kemm fl-1979 kif ukoll fl-1985, u, fost ħwejjeġ oħra, illum dik id-dikjarazzjoni maċ-ċitazzjoni trid tkun kontestwalment konfermata bil-ġurament ta' l-attur;

Dan kollu jindika li għalkemm huwa apprezzat dak li għamel fin-nota tiegħu l-konvenut, ma huwiex prudenzjali għal din din il-Qorti li ssegwi d-duttrina tas-sentenzi kollha (barra l-imsemmija **Demarco vs Fiteni**) kwotati mill-konvenut għaliex dawn ingħataw b'riferenza għal regolamentazzjoni proċedurali differenti minn dik li hija llum *in vigore*, anzi qabel l-1936;

Sentenza ta' wara l-1936, imma anki qabel l-1979, li tindika l-bidla fil-ħsibijiet ġurisprudenzjali hija dik ta' **Sciortino vs Micallef** tal-5 ta' Ġunju 1959, fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (XLIII.II.748) qalet hekk:

"..... l-artikolu *155(1) Proċedura Ċivili invokat mill-*eċċipjenti, irċieva fil-ġurisprudenza tagħna interpretazzjoni larga, fis-sens li ma ġiex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem ta' l-imsemmija disposizzjoni; u ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikulari għal kif għandha tiġi formulata ċ-ċitazzjoni,

biżżejjed jiftiehem x'ikun qed jitlob l-attur; b'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa anki lakonikament, tista' tkun indotta mid-domanda, u saħansitra, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva. (Kollezzjoni XXIX.I.431, XXXII,I.228, XXXIV.II.502);

Hemm finalment, illum l-artikolu 173 Kapitolu 12 li jrid jiġi kkunsiderat għaliex dan, kif emendat, juri illi għal kull fejn hemm nuqqasijiet proċedurali li mhumiex ta' natura radikali u serja l-Qorti għandha l-poter li, *in camera,* tagħti ordnijiet u direttivi li jidhrilha xieraq biex tassikura dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura jiġi mħares kif imiss;

Din il-Qorti għalhekk taħseb illi fiċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' l-attur hemm dak li huwa neċessarju biex jingħad li hija tfisser ċar u sewwa kemm id-domanda – jiġifieri l-kundanna tal-konvenut li jħallas lill-attur somma flus – kif ukoll tar-raġuni ta' dik id-domanda – ċjoè illi dawn il-flus huma dovuti għaliex l-attur, Perit Arkitett, għamel il-pjanti meħtieġa għall-bini kollu proġettat mill-konvenut u ssorvelja x-xogħlijiet kollha li saru. Dak li ma sarx mill-attur huwa li jiddettalja dawk ir-raġunijiet, imma dan in-nuqqas ma jinċedix fuq iċ-"ċar u sewwa" li jsemmi l-artikolu, b'mod li jirrendi l-att konfuż u ħażin u għalhekk null;

Naturalment il-konvenut għandu d-dritt mhux biss li jesiġi dawk id-dettalji, imma wkoll li joġġezzjona għalihom meta jiġu provduti. Dan ifisser li huwa – bin-nuqqas tal-attur – mhux se jiġi ppreġudikat. Anzi, huwa l-attur li, bin-nuqqas, se jtawwal il-proċediment, minnu inizjat, għaliex provi li seta' jagħmel fil-bidu tal-kawża se jkollu jagħmilhom aktar tard, se jiftaħ iż-żmien li fih il-konvenut jista' jiddefendi ruħħu, jirriskja l-ordinanzi

kuntrarji tal-qorti għal dak li hija produzzjoni tal-provi, u sanzjonijiet simili;

L-istess jingħad għan-nuqqas ta' dokumenti – pjanti prospetti u simili – *li huma vitali biex l-attur ikun jista' jagħmel* l-aħjar provi biex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu; u hawn ukoll huwa l-attur li qiegħed jirriskja serjament is-sanzjonijiet proċedurali tal-qorti u mhux il-konvenut; imma dejjem – fiż-żewġ każijiet – is-sanzjonijiet possibbli huma ta' din in-natura u mhux is-sanzjoni radikali tan-nullità li hija riżervata mil-liġi, kif diġà intqal, u hawn ma tirrikorrix għaliex l-estremi tas-sewwa u tal-kjarezza huma preżenti fl-att ta' ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni li takkompanjaha;

*Ommissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-konvenut huwa miċħud, is-sentenza appellata hija kkonfermata u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Qorti ta' l-ewwel grad biex il-kawża tiġi trattat u deċiża skond il-liġi;

L-ispejjeż *fiċ-ċirkustanzi għandhom jinqasmu kwantu għal* żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attur.